# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fid-19 ta’ Diċembru 2019[1]

**Kawża C-511/17**

**Györgyné Lintner**
**vs**
**UniCredit Bank Hungary Zrt.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta’ Budapest, l-Ungerija))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Klawżoli inġusti – Direttiva 93/13/KEE – Artikolu 4(1) – Klawżoli kuntrattwali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tan-natura inġusta – Artikoli 6(1) u 7(1) – Portata tal-eżami mill-qorti nazzjonali, fuq inizjattiva tagħha stess, ta’ jekk klawżoli inklużi f’kuntratt ma’ konsumatur humiex inġusti”

## I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża hija bbażata fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari mressaq mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta’ Budapest, l-Ungerija) dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumatur[2]. Hija parti minn sensiela ta’ kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonċernaw il-qafas Ungeriż dwar kuntratti ta’ kreditu għall-konsum iddenominati f’munita barranija[3].

2. Madankollu, din il-kawża tqajjem kwistjonijiet fundamentali li jirrigwardaw id-dmir tal-qorti nazzjonali li teżamina fuq inizjattiva tagħha stess (*ex officio*) klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumaturi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-Direttiva 93/13. Dawn huma, l-ewwel, jekk eżami *ex officio* minn qorti nazzjonali ta’ klawżoli inġusti għandux ikopri l-klawżoli kollha tal-kuntratt, anki jekk il-klawżoli ma jkunux relatati mas-suġġett tal-kawża u, it-tieni, sa fejn qorti nazzjonali tista’ tkun meħtieġa tieħu *ex officio* miżuri investigattivi sabiex tikseb il-punti ta’ liġi u ta’ fatt meħtieġa sabiex twettaq dan l-eżami?

3. Din il-kawża għalhekk tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità tad-deheb sabiex tiżviluppa u tirfina l-ġurisprudenza tagħha dwar id-Direttiva 93/13, u b’mod partikolari sabiex tikkjarifika l-portata tad-dmir tal-qorti nazzjonali li twettaq *ex officio* miżuri investigattivi kif joħroġ mis-sentenza ferm importanti tad-9 ta’ Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659).

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

3 Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta’ Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367); tal-20 ta’ Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750); u tal-14 ta’ Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207); ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Sziber (C-483/16, EU:C:2018:9); tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:303); u tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Dunai (C-118/17, EU:C:2018:921).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu."

5. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

6. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi wkoll:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

### *B. Id-dritt Ungeriż*

7. L-Artikolu 3(2) tal-Liġi Nru III tal-1952 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (A polgári perrendtartásról szóló 1952 évi III. törvény il-, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Proċedura Ċivili"), kif applikabbli fiż-żmien rilevanti, jipprovdi:

"Il-qorti – fl-assenza ta' kwalunkwe dispożizzjoni legali li tipprovdi mod ieħor – għandha tkun marbuta mis-sottomissjonijiet u mid-dikjarazzjonijiet legali magħmula mill-partijiet. Il-qorti għandha tikkunsdira talbiet u dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet fid-dawl tal-kontenut tagħhom u mhux fid-dawl tal-isem formali tagħhom."

8. Skont l-Artikolu 23(1)(k) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili:

"Il-qrati tal-kontea għandhom ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu […] kawżi li fihom tkun qiegħda tintalab dikjarazzjoni ta' invalidità ta' klawżoli kuntrattwali inġusti."

9. L-Artikolu 73/A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi:

"Rappreżentanza legali hija obbligatorja: […] f'kawżi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-kontea bħala qorti tal-ewwel istanza, f'kull stadju tal-proċedura, u wkoll fil-kuntest ta' appell […]."

10. L-Artikolu 213(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi:

"Id-deċiżjoni għandha tirrigwarda dak kollu li jkun intalab fir-rikors fil-kuntest tal-kawża, jew tal-kawżi magħquda skont l-Artikolu 149."

11. L-Artikolu 215 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi wkoll:

"Id-deċiżjoni ta' qorti ma tistax tmur lil hinn minn dak li jkun intalab fir-rikors jew fir-risposta; din ir-regola tapplika wkoll għal talbiet li huma anċillari għat-talba prinċipali (interessi, spejjeż, eċċ.)."

## III. Il-fatti, il-proċedura fil-kamp ta' applikazzjoni u d-domandi magħmula

12. Skont id-digriet tar-rinviju, fit-13 ta' Diċembru 2007, Györgyné Lintner, bħala konsumatur, ikkonkludiet mal-istituzzjoni finanzjarja UniCredit Bank Hungary Zrt. (iktar 'il quddiem "UniCredit Bank Hungary") kuntratt ta' self iddenominat fi franki Svizzeri, iżda li ġie rrilaxxat u li kellu jitħallas lura f'forint Ungeriżi, u li kien iggarantit b'ipoteka (iktar 'il quddiem il-"kuntratt") [4].

13. Peress li qieset li l-kuntratt kien fih ċerti klawżoli li setgħu jitqiesu li huma inġusti, fit-18 ta' Lulju 2012, G. Lintner ressqet kawża kontra UniCredit Bank Hungary quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest). Fir-rikors tagħha, G. Lintner talbet lill-qorti tar-rinviju tiddikjara bħala invalidi l-klawżoli 7.2.2, 7.3 u 7.4 tal-kuntratt li jagħtu lil UniCredit Bank Hungary d-dritt li tagħmel bidliet unilaterali fil-kuntratt, u tiddikjara li dawn il-klawżoli ma kinux jorbtuha sa mid-data li fiha kien ġie konkluż il-kuntratt. Insostenn tal-kawża tagħha, hija invokat, *inter alia*, id-Direttiva 93/13.

14. B'sentenza tad-29 ta' Awwissu 2013, il-qorti tar-rinviju ċaħdet il-kawża. G. Lintner appellat minn din is-sentenza.

15. B'digriet tal-1 ta' April 2014, il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) annullat din is-sentenza, u ordnat lill-qorti tar-rinviju sabiex tiftaħ mill-ġdid il-proċedura u tagħti deċiżjoni ġdida.

16. Kif indikat fid-digriet tar-rinviju, il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) iddikjarat, *inter alia*, f'dan id-digriet, li l-applikazzjoni effettiva tad-Direttiva 93/13 tkun possibbli biss jekk il-qorti nazzjonali teżamina fuq inizjattiva tagħha stess il-kuntratt sħiħ inkwistjoni u, jekk issib, f'dan il-każ, li ċerti kundizzjonijiet huma inġusti, għandha tistaqsi lill-konsumatur jekk tixtieqx tinvoka n-natura inġusta ta' klawżoli oħra. F'dan ir-rigward, hija rreferiet għall-klawżoli 1, 2, 4, 10.4 u 11.2 tal-kuntratt, flimkien mal-klawżola 1.8 tal-kundizzjonijiet ġenerali li l-istipulazzjonijiet tagħhom jifformaw parti mill-kuntratt, kif ukoll il-klawżoli III.13.4, III.18.1(1), (4) u (5) u III.18.2(j) tal-kundizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kuntratti konklużi ma' persuni indvidwali. Hija tat istruzzjoni lill-qorti tar-rinviju sabiex titlob lil G. Lintner tiddikjara jekk xtaqitx tinvoka n-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli jew ta' klawżoli oħra tal-kuntratt, u jekk kinitx tirrikonoxxi li l-kuntratt ikun vinkolanti għaliha ladarba l-klawżoli inkwistjoni ma jibqgħux japplikaw.

17. Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li, b'estensjoni tal-kawża inizjali tal-5 ta' Lulju 2014, ir-rappreżentant ta' G. Lintner talab lill-qorti tar-rinviju sabiex tiddikjara bħala invalidi l-klawżoli kollha identifikati fid-digriet tal-1 ta' April 2014, flimkien mal-klawżoli indikati fil-kawża inizjali.

4 Għandu jingħad li d-definizzjonijiet ta' "konsumatur" u ta' "bejjiegħ jew fornitur" jinsabu, rispettivament, fl-Artikolu 2(b) u (ċ) tad-Direttiva 93/13. Bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali, mid-digriet tar-rinviju huwa preżunt li s-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13.

18. B'digriet tas-26 ta' Ottubru 2015, il-qorti tar-rinviju stiednet lil G. Lintner sabiex tagħmel talba għall-applikazzjoni tal-konsegwenzi legali ta' invalidità tal-kuntratt b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar kuntratti ta' self f'munita barranija li kienu saru fl-2014. Din il-leġiżlazzjoni tinkludi b'mod partikolari l-Liġijiet DH1 [5] u DH2 [6], li fihom dispożizzjonijiet li jirregolaw kif għandha tkun iddeterminata n-natura inġusta u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnha rigward klawżoli inklużi f'tali kuntratti b'referenza għas-setgħa li jsiru bidliet unilaterali fil-kuntratt li jiffavorixxu lil min isellef (iktar 'il quddiem is-"setgħa li jsiru bidliet unilaterali") u għad-differenza bejn ir-rati tal-bejgħ u tax-xiri tal-munita kkonċernata (iktar 'il quddiem id-"differenza fir-rati tal-kambju") [7].

19. Skont id-digriet tar-rinviju, billi ma ttieħdet ebda azzjoni fuq din it-talba, il-qorti tar-rinviju għalqet il-proċeduri b'digriet tas-7 ta' Diċembru 2015. G. Lintner appellat minn dan id-digriet.

20. B'digriet tad-29 ta' Marzu 2016, il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) ikkonfermat d-digriet tal-qorti tar-rinviju tas-7 ta' Diċembru 2015 fir-rigward tan-natura inġusta tal-klawżoli li għandhom x'jaqsmu mas-setgħa li jsiru bidliet unilaterali u mad-differenza fir-rati tal-kambju, kif imfisser fil-Liġijiet DH1 u DH2. Madankollu, hija annullat dan id-digriet sa fejn jirrigwarda l-bqija, u ordnat lill-qorti tar-rinviju sabiex terġa' tiftaħ il-proċeduri u tieħu deċiżjoni ġdida. Hija qieset li, għalkemm il-klawżoli li għalihom jagħmlu referenza l-Liġijiet DH1 u DH2 ma setgħux ikunu iktar is-suġġett ta' deċiżjoni ġudizzjarja [8], G. Lintner kompliet issostni t-talba tagħha sa fejn fittxet li jkun hemm dikjarazzjoni dwar in-natura inġusta tal-klawżoli identifikati fid-digriet tagħha tal-1 ta' April 2014. Għalhekk hija ddeċidiet li l-qorti tar-rinviju għandha, fil-kuntest tal-proċeduri li qegħdin jinstemgħu mill-ġdid, tiddeċiedi fuq is-sustanza tal-bqija tat-talbiet ta' G. Lintner.

21. Abbażi ta' dan, il-qorti tar-rinviju indikat fid-digriet tar-rinviju li qiegħda tiġi mitluba teżamina *ex officio* klawżoli kuntrattwali li G. Lintner, bħala r-rikorrenti fil-kawża prinċipali li qiegħda taġixxi permezz tar-rappreżentant tagħha, ma kkontestatx fl-ewwel istanza. Lanqas ma ddikjarat fatti fir-raġunijiet għall-kawża tagħha li minnhom jista' jkun dedott li hija fittxet ukoll dikjarazzjoni li l-klawżoli identifikati mill-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) fid-digriet tagħha tal-1 ta' April 2014 kienu inġusti.

22. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [9], il-qorti tar-rinviju ma jidhrilhiex li huwa ċar, f'dik li hija l-interpretazzjoni xierqa tad-Direttiva 93/13, sa fejn qorti nazzjonali hija mistennija li teżamina fuq inizjattiva tagħha stess jekk kull kalwżola tal-kuntratt hijiex inġusta, u sa fejn f'dan l-eżami l-qorti hija marbuta bit-talbiet tal-applikant, meta jitqies li, taħt il-liġi Ungeriża, kawżi bħal dik preżenti li jfittxu dikjarazzjoni ta' invalidità ta' klawżoli inġusti ta' kuntratt jistgħu jipproċedu biss permezz ta' avukat.

5 A Kúriának a pénzügyi intézmények fogyasztói kölcsönszerződéseire vonatkozó jogegységi határozatával kapcsolatos egyes kérdések rendezésérőlszóló 2014. éviXXXVIII. törvény (il-Liġi XXXVIII tal-2014 li tirregola materji speċifiċi marbuta mad-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) sabiex tiġi protetta l-uniformità tal-liġi dwar kuntratti ta' self konklużi minn istituzzjonijiet finanzjarji ma' konsumaturi, iktar 'il quddiem il-"Liġi DH1").

6 A Kúriának a pénzügyii ntézmények fogyasztói kölcsönszerződéseire vonatkozó jogegységi határozatával kapcsolatos egyes kérdések rendezéséről szóló 2014. évi XXXVIII. törvényben rögzített elszámolás szabályairól és egyes egyéb rendelkezésekről szóló 2014. évi XL. törvény (il-Liġi tal-2014 dwar ir-regoli li jirregolaw għeluq il-kontijiet imsemmija fil-Liġi XXXVIII tal-2014 li tirregola materji speċifiċi marbuta mad-deċiżjoni tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) sabiex tiġi protetta l-uniformità tal-liġi dwar kuntratti ta' self konklużi minn istituzzjonijiet finanzjarji ma' konsumaturi u dispożizzjonijiet oħra, iktar 'il quddiem il-"Liġi DH2").

7 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-31 ta' Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367); tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750); u tal-14 ta' Marzu 2019, Dunai (C-118/17, EU:C:2019:207).

8 Għalkemm dan ma kienx speċifikat fid-digriet tar-rinviju, jista' jiġi dedott li, kif indikat fl-osservazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż, il-Liġi DH1 ikklassifikat bħala inġusti *ex lege* l-klawżoli dwar is-setgħa li jsiru bidliet unilaterali u dwar id-differenza fir-rati tal-kambju, b'tali mod li evalwazzjoni ġudizzjarja ta' dawn il-klawżoli ma kinitx għadha meħtieġa. Ara n-nota 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 Il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon (C-243/08, EU:C:2009:350), u tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88).

23. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri fil-kawża prinċipali u li tagħmel d-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"(1) L-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 93/13] – fid-dawl ukoll tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi rappreżentanza legali – għandu jiġi interpretat fis-sens li kull waħda mill-klawżoli tal-kuntratt għandha tiġi eżaminata individwalment mill-perspettiva ta' jekk tistax tiqies inġusta, indipendentement minn jekk eżami tal-klawżoli kollha tal-kuntratt huwiex realment meħtieġ sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet magħmula fil-kuntest tar-rikors?

(2) Jew inkella, bil-kontra ta' dak li huwa espost fil-kuntest tal-ewwel domanda, l-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 93/13] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt għandhom jiġu eżaminati biex tiġi konkluża n-natura inġusta tal-klawżola li fuqha hija bbażata t-talba?

(3) Jekk it-tieni domanda tingħata risposta fl-affermattiv, dan jista' jfisser li sabiex tkun tista' tiġi ddeterminata n-natura inġusta tal-klawżola inkwistjoni huwa meħtieġ eżami tal-kuntratt fit-totalità tiegħu, jiġifieri li n-natura inġusta ta' kull wieħed mill-elementi ma għandhiex tiġi eżaminata b'mod awtonomu, indipendentement mill-klawżola kkontestata fil-kuntest tar-rikors?

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. Fid-digriet tar-rinviju, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) osservat li l-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) kienet ressqet talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-51/17, OTP Bank u OTP Faktoring, li l-ħames domanda tagħha hija rilevanti għad-domandi magħmula f'din il-kawża. Il-qorti tar-rinviju għalhekk talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tgħaqqad iż-żewġ kawżi.

25. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kawża ġiet sospiża sal-għoti tas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750).

26. Filwaqt li ressqet din is-sentenza għall-attenzjoni tal-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja staqsietha jekk xtaqietx tippersisti bit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari. Il-qorti tar-rinviju wieġbet fl-affermattiv fis-16 ta' Ottubru 2018.

27. UniCredit Bank Hungary, il-Gvern Ungeriż u l-Kummissjoni Ewropea ressqu osservazzjonijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn il-partijiet ħadu sehem ukoll fis-seduta li saret fid-19 ta' Settembru 2019.

## V. Sommarju tal-osservazzjonijiet tal-partijiet

28. UniCredit Bank Hungary issostni li r-risposta għat-tliet domandi preliminari, meħudin flimkien, għandha tkun li l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jeħtiġux li l-qrati nazzjonali jeżaminaw *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt li ma ġewx ikkontestati mill-konsumatur u li ma jikkonċernawx il-klawżoli kuntrattwali msemmija fil-kawża. Kif irrispondiet il-Qorti tal-Ġustizzja għall-ħames domanda mressqa fil-kawża OTP Bank u OTP Faktoring[10], qorti nazzjonali għandha teżamina *ex officio* klawżoli inġusti biss jekk hija jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dak il-għan u jekk il-klawżola kkonċernata tkun rilevanti għad-deċiżjoni li trid tingħata għar-rikors u jkollha konnessjoni materjali u loġika magħha. Sa fejn, abbażi tal-proċess, il-qorti tidentifika xi

10 UniCredit Bank Hungary tirreferi għas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018 (C-51/17, EU:C:2018:303, punti 90 u 91).

inġustizzja possibbli li ma tkunx koperta mit-talbiet tar-rikors iżda tkun konnessa magħhom, hija għandha taċċerta li l-klawżola inġusta ma torbotx lill-konsumatur, imma l-eżami *ex officio* ma għandux, fin-nuqqas ta' talba f'dan is-sens, ikopri l-kuntratt fit-totalità tiegħu u jikkonsisti fi tfittxija għal klawżoli li jistgħu jitqiesu bħala inġusti.

29. Skont UniCredit Bank Hungary, din il-pożizzjoni hija konsistenti mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, billi l-qorti ma għandhiex is-setgħa li abbażi tad-dritt nazzjonali teżamina *ex officio* klawżoli li ma humiex meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors, u l-konsumatur ma huwiex miżmum milli jikkontesta, fi proċeduri sussegwenti, in-natura inġusta ta' klawżola li ma tkunx ġiet eżaminata fit-tilwima inkwistjoni [11]. Barra dan, il-Qorti tal-Ġusitzzja qatt ma ddeċidiet favur obbligu li jsir eżami *ex officio* bla limitu [12], u bħalma enfasizzat waqt is-seduta, obbligu li jkunu eżaminati *ex officio* l-klawżoli kollha kuntrattwali jirrendi s-suġġett tat-tilwima inċert u jkun ifisser li d-deċiżjoni tal-qorti takkwista l-awtorità ta' *res judicata* għall-kuntratt kollu, b'tali mod li qorti oħra ma tkunx tista' titbiegħed minnha jew teżamina l-kuntratt.

30. Il-Gvern Ungeriż jargumenta li l-ewwel domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv. Qorti nazzjonali ma hijiex obbligata li teżamina kull klawżola kuntrattwali individwalment dwar jekk tistax titqies bħala inġusta. Minn fost il-klawżoli li n-natura inġusta tagħhom ma kinitx invokata mill-partijiet, il-qorti għandha teżamina *ex officio* dawk il-klawżoli li n-natura inġusta tagħhom tista' tiġi stabbilita b'mod ċar, bħala punt ta' fatt, abbażi tal-evidenza disponibbli. Dan l-approċċ jieħu inkunsiderazzjoni kemm il-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet kif ukoll il-prinċipju ta' protezzjoni tal-interessi tal-konsumatur, jiżgura soluzzjoni li tkun konformi ma' dawn iż-żewġ principji u jirrispetta l-ġurisprudenza tal-Unjoni, li skontha l-eżami *ex officio* ta' klawżola inġusta huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan ikunu disponibbli.

31. Il-Gvern Ungeriż isostni li, abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [13], ma tagħmilx differenza fir-rigward ta' eżami *ex officio* jekk il-konsumatur ikunx irrappreżentat minn avukat. Barra minn hekk, jekk l-eżami tal-evidenza abbażi tal-offerti ta' prova mressqa min-naħa tal-partijiet, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rikors u tar-risposta, iwassal b'mod ċar għall-konklużjoni li klawżola mhux invokata mill-partijiet hija inġusta, il-qorti għandha tiddikjara *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżola, iżda jekk il-qorti ma jkollhiex il-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan, hija ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel dan, minħabba li ma jkunx possibbli li tippreżenta evidenza *ex officio*. Bħalma ddikjarat waqt is-seduta, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dmir ta' qorti nazzjonali li tieħu miżuri investigattivi *ex officio* huwa marbut mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13, u fejn ikun hemm indikazzjonijiet li klawżola tista' tkun inġusta imma l-qorti jkollha bżonn iktar evidenza sabiex tkun tista' tifforma opinjoni fuq il-każ, id-dritt Ungeriż jipprovdi li l-qorti tinforma lill-partijiet b'din il-possibbiltà u hekk il-konsumatur ikun jista' jestendi t-talba tiegħu u jqiegħed id-dokumentazzjoni rilevanti fil-proċess.

32. Insostenn tal-pożiżżjoni tiegħu, il-Gvern Ungeriż jirreferi għal ċerti opinjonijiet tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija) [14] li jindikaw b'mod partikolari li sa fejn il-qorti tkun trid teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola, għandha tippermetti lill-partijiet iressqu osservazzjonijiet fuq dak il-punt sabiex hekk tevita "sentenzi sorpriżi" li l-partijiet ma jkunux stennew. Il-Gvern Ungeriż jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-konkulużjoni fil-qosor tal-grupp ta' analiżi tal-ġurisprudenza tal-Kúria (il-Qorti

11 UniCredit Bank Hungary tirreferi għas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Bank Primus (C-421/14, EU:C:2016:69, punt 52).

12 UniCredit Bank Hungary tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659); tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349); tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88); u tat-30 ta' Mejju 2013, Jőrös (C-397/11, EU:C:2013:340).

13 Il-Gvern Ungeriż jirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350); tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88); u tat-30 ta' Mejju 2013, Jőrös (C-97/11, EU:C:2013:340).

14 Il-Gvern Ungeriż jirreferi għall-Opinjoni 1/2005 (VI. 15.) PK u għall-Opinjoni 2/2010 (VI. 28.) PK tal-Kúria (il-Qorti Suprema, l-Ungerija).

Suprema) dwar klawżoli inġusti f'kuntratti ta' kreditu[15], li qieset, *inter alia*, li, f'kawżi mressqa minn konsumatur li jfittex li klawżoli inġusti jkunu ddikjarati nulli, il-qorti għandha skont id-dritt tal-Unjoni tivverifika biss dawk il-klawżoli mhux invokati mill-konsumatur li huma essenzjali għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-rikors jew tar-risposta jew dawk li jinfluwenzaw ir-rikors, u meta tiġi biex tiddetermina jekk tali klawżoli humiex inġusti, il-qorti ma tistax tagħti deċiżjoni lil hinn mill-fatti stabbiliti abbażi tal-evidenza, fatti pubbliċi jew magħrufa sew, imressqa mill-partijiet.

33. Il-Gvern Ungeriż isostni li t-tieni domanda għandha tingħata risposta fis-sens li mid-Direttiva 93/13 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja isegwi li l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt għandhom ikunu eżaminati sabiex ikun evalwat jekk il-klawżola li fuqha hija bbażata t-talba hijiex inġusta. Matul dan l-eżami, il-qorti nazzjonali tista' tqajjem *ex officio* n-natura inġusta ta' certi klawżoli tal-kuntratt mhux invokati mill-konsumatur. Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tqajjem biss *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli li dwarhom għandha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan.

34. B'raġunament simili, il-Gvern Ungeriż huwa tal-fehma li t-tielet domanda għandha tingħata risposta affermattiva, mifhuma fis-sens li jekk, meta jsir l-eżami fi ħdan il-limiti tat-talba, il-qorti nazzjonali issib, abbażi tal-punti ta' liġi u ta' fatt disponibbli, li klawżola kuntrattwali hija ċarament u manifestament inġusta, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni *ex officio* anki meta l-partijiet ma jkunux invokawha.

35. Il-Kummissjoni issostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi t-tliet domandi, meqjusa flimkien, fis-sens li l-Artikoli 4(1) u 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom ikunu interpretati li jfissru li meta l-qorti nazzjonali tintalab tiddeċiedi dwar in-natura inġusta ta' klawżoli f'kuntratti konklużi ma' konsumaturi, fl-evalwazzjoni ta' dawn il-klawżoli hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-kuntratt u l-klawżoli l-oħra tiegħu kollha, u tagħti deċiżjoni filwaqt li tqis dawn il-fatturi meta tistabbilixxi n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali jew tiżgura li l-kuntratt jista' jibqa' fis-seħħ mingħajr il-klawżola inġusta. L-obbligu tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 ma jestendix sal-punt li tkun mistennija li teżamina individwalment in-natura inġusta ta' kull klawżola kuntrattwali jekk il-konsumatur ma jkunx jixtieq hekk, sakemm il-konsumatur ma jitlifx id-dritt tiegħu, abbażi tad-dritt proċedurali nazzjonali, b'mod partikolari bis-saħħa tal-prinċipju ta' *res judicata*, li jikkontesta f'kawża oħra l-klawżoli li ma ssirx referenza għalihom fil-kawża prinċipali.

36. Il-Kummissjoni ssostni li, b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[16], filwaqt li l-Artikoli 4(1) u 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jeħtiġux li qorti nazzjonali teżamina kull waħda mill-klawżoli individwalment meta tkun qiegħda tagħmel evalwazzjoni globali tal-kuntratt, jekk matul din l-evalwazzjoni l-qorti tiltaqa' ma' klawżoli oħra li jistgħu jkunu meqjusa inġusti, hija għandha tgħarraf b'dan lill-partijiet u tistieden lill-konsumatur sabiex jemenda t-talba tiegħu, sabiex tkun żgurata l-effettività tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13. It-talba tar-rikorrent tikkostitwixxi l-limitu tal-eżami *ex officio* tal-qorti taħt id-Direttiva 93/13, u jekk il-konsumatur ikunx irrappreżentat minn avukat jew le huwa irrilevanti għall-protezzjoni ggarantita minn din id-direttiva. Kif iddikjarat waqt is-seduta, il-qorti għandha teżamina *ex officio*, fejn ikunu disponibbli punti ta' liġu u ta' fatt, il-klawżoli

15 „Azérvénytelenség jogkövetkezményeinek alkalmazhatósága kölcsönszerződéseknél" ("L-applikabbiltà tal-konsegwenzi legali ta' nullità fil-każ ta' kuntratti ta' kreditu") 2015 disponibbli fuq https://kuria-birosag.hu/sites/default/files/joggyak/osszefoglalo_velemeny_i.pdf..

16 Il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350); tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164); u tal- 21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283).

kollha ssuspettati li huma inġusti, u l-qorti hija wkoll mitluba, kif isegwi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [17], li tieħu *ex officio* miżuri investigattivi, li matulhom tista' titlob lill-partijiet biex jgħaddu l-evidenza dokumentarja rilevanti, sabiex hija tkun tista' tiddeċiedi jekk klawżola partikolari hijiex inġusta.

## VI. Analiżi

37. L-analiżi tiegħi hija maqsuma f'żewġ partijiet. L-ewwel, f'Sezzjoni A, ser nindirizza l-ewwel domanda, billi hija tikkonċerna l-portata tad-dmir tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali skont l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13. It-tieni, f'Sezzjoni B, ser neżamina t-tieni u t-tielet domanda flimkien, billi huma wkoll relatati mal-evalwazzjoni tal-qorti nazzjonali tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13.

### *A. L-ewwel domanda*

38. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk qorti nazzjonali hijiex meħtieġa, taħt l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13, teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli kollha tal-kuntratt anki jekk ma jkunux meħtieġa sabiex tiddeċiedi t-talbiet tal-partijiet fit-tilwima, fid-dawl tal-prinċipji tad-dritt proċedurali ċivili li s-suġġett tal-kawża huwa stabbilit mill-partijiet u li l-qorti ma tistax tmur lil hinn minn dan is-suġġett (*ne ultra petita*), flimkien mar-regoli dwar ir-rappreżentanza legali kif stabbiliti fid-dritt Ungeriż (ara l-punti 7 sa 11 ta' dawn il-konklużjonijiet).

39. Jiena wasalt għall-konklużjoni li, skont l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13, qorti nazzjonali hija meħtieġa teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li huma relatati mas-suġġett tat-tilwima u li għandhom rabta mal-punti ta' liġi u ta' fatt fil-proċess.

40. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, ser nindirizza l-ewwel il-portata tad-dmir ta' qorti nazzjonali li tagħmel eżami *ex officio* ta' klawżoli inġusti. Imbagħad ser neżamina sa fejn jasal dmir il-qorti nazzjonali li tieħu miżuri investigattivi *ex officio*. Fl-aħħar nett, ser inħares lejn ir-rilevanza potenzjali ta' jekk il-konsumatur għandux rappreżentanza legali jew le.

#### *1. Portata tal-eżami* ex officio *ta' klawżoli inġusti*

41. Għandu jingħad qabelxejn li l-ewwel domanda tar-rinviju għadha sa issa qatt ma kienet ittrattata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ċertament, kif gie indikat fl-osservazzjonijiet ta' UniCredit Bank Hungary, sa issa fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżami *ex officio* ta' klawżoli inġusti skont id-Direttiva 93/13, ġeneralment ma kienx hemm dubju li l-klawżoli kuntrattwali kienu jiffurmaw il-bażi tat-talbiet tal-partijiet jew li kienu s-suġġett tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju [18].

42. Barra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat domanda differenti fis-sentenza tagħha fil-kawża OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750). Permezz tal-ħames domanda tagħha [19], il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, fid-dawl tal-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet, hija kinitx prekluża milli teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli li l-konsumatur ma invokax

17 Il-Kummissjoni tirreferi għas-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659), u tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88).

18 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659, b'mod partikolari l-punti 49, 52 u 56); tat-30 ta' Mejju 2013, Jőrös (C-397/11, EU:C:2013:340, b'mod partikolari l-punti 15 sa 17, 21 u 23); u tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320, punt 30).

19 Ara s-sentenza tal- 20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punti 33 u 34).

sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu fil-kwalità tiegħu bħala rikorrent. Fis-sentenza tagħha[20], il-Qorti tal-Ġusitzzja ddeċidiet li l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha teżamina *ex officio*, inkluż meta huwa neċessarju minflok il-konsumatur fil-kwalità tiegħu ta' rikorrent, in-natura eventwalment inġusta ta' klawżola kuntrattwali, meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa sabiex tagħmel dan. Hekk, filwaqt li s-sentenza fil-kawża OTP Bank u OTP Faktoring hija rilevanti għall-kawża preżenti, hija ma stabbilietx sa fejn l-eżami *ex officio* tal-qorti nazzjonali ta' klawżoli inġusti jkopri l-klawżoli kollha tal-kuntratt.

43. B'mod ġenerali, il-prinċipju li s-suġġett ta' kawża jiġi stabbilit mill-partijiet huwa prinċipju gwida fi proċeduri legali fl-Istati Membri kollha, b'rilevanza partikolari għal kawżi mressqa minn konsumaturi quddiem il-qrati nazzjonali[21]. Skont dan il-prinċipju, huma l-partijiet li jridu jagħtu bidu jew itemmu l-proċeduri u jagħżlu s-suġġett u, bħala konsegwenza, il-qorti ma tistax tmur lil hinn minn dan is-suġġett *(ne ultra petita)*[22].

44. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jitqies li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżami *ex officio* mill-qorti nazzjonali ta' klawżoli inġusti skont l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 taffettwa t-tħaddim tal-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet, fis-sens li l-qorti nazzjonali hija meħtieġa tieħu rwol attiv sabiex tqajjem *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli f'kuntratti mal-konsumatur, anki jekk minn dan jirriżulta li skont id-dritt proċedurali nazzjonali l-qorti tkun qiegħda tmur lil hinn mill-portata tat-tilwima stabbilit mill-partijiet[23].

20 Ara s-sentenza tal- 20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punti 84 sa 91).

21 Ara, f'dan ir-rigward, rapport ippreparat minn konsorzju ta' universitajiet Ewropej immexxi mill-Max Planck Institute Luxembourg for Procedural Law, ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea, "An evaluation study of national procedural laws and practices in terms of their impact on the free circulation of judges and on the equivalence and effectiveness of the procedural protection of consumers under EU consumer law", JUST/2014/RCON/PR/CIVI/0082, Strand 2, Procedural Protection for Consumers, June 2017 (iktar 'il quddiem "Studju ta' Evalwazzjoni"), punti 289 sa 295. Ta' min jinnota li dan il-prinċipju jista' jiġi espress b'diversi verżjonijiet lingwistiċi bħal, pereżempju, bl-Olandiż ("lijdelijkheidsbeginsel"); bil-Franċiż ("principe dispositif"); bil-Ġermaniż ("Dispositionsgrundsatz"); bl-Ungeriż ("rendelkezésielv"); u bl-Ispanjol ("principio dispositivo").

22 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Hochtief (C-300/17, EU:C:2018:635, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata); il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Vedial vs UASI (C-106/03 P, EU:C:2004:457, punti 28 sa 30), tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Duarte Hueros (C-32/12, EU:C:2013:128, punt 32) u tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża British Airways vs Il-Kummissjoni (C-122/16 P, EU:C:2017:406, punti 84 u 85), filwaqt li nnota li l-prinċipju ta' *ne ultra petita* huwa korollarju tal-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet.

23 Ara, pereżempju, Anthi Beka, *The Active Role of Courts in Consumer Litigation: Applying EU Law of the National Courts' Own Motion* (Intersentia 2018) p. 123 sa 125 u ċ-ċitazzjonijiet magħmula. Kif irrikonoxxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punt 40), fir-rigward tal-applikazzjoni *ex officio* tad-dritt tal-Unjoni mill-qrati nazzjonali, l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi u b'mod partikolari tad-Direttiva 93/13 huwa differenti minn dak meħud fil-linja ta' ġurisprudenza li toriġina mis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441). Għal diskussjoni ddettaljata ara, pereżempju, Beka, iċċitat iktar 'il fuq, Kapitolu 2; Arthur Hartkamp *et* (edituri), *Cases, Materials and Text on European Law and Private Law* (Hart 2017), Kapitolu 7.

45. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jistipula li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi [24], filwaqt li skont l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-erbgħa u għoxrin premessa tagħha, l-Istati Membri għandhom jipprovdu mezzi adegwati u effettivi sabiex ma jħallux li jkomplu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur [25]. Filwaqt li dawn id-dispożizzjonijiet taw bidu għal korp estensiv ta' ġurisprudenza [26], jien ser neddiskrivi fil-qosor il-prinċipji applikabbli dedotti minn din il-ġurisprudenza li l-iktar huma rilevanti għall-analiżi tiegħi tal-kawża preżenti.

46. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel fis-sentenza awtorevoli tagħha fil-kawża Océano Grupo Editorial u Salvat Editores [27], li s-sistema ta' protezzjoni introdotta mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-pożizzjoni tal-konsumatur fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur hija dgħajfa kemm fir-rigward tas-saħħa li jinnegozja kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' għarfien, li jwassal lill-konsumatur sabiex jaqbel ma' klawżoli fformulati minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur mingħajr ma jkun jista' jinfluwenza l-kontenut ta' dawn il-klawżoli [28]. Sabiex tkun iggarantita l-protezzjoni maħsuba mid-Direttiva 93/13, in-nuqqas ta' bilanċ bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur jista' jkun irrettifikat biss permezz ta' azzjoni pożittiva mhux marbuta mal-partijiet fil-kuntratt [29].

47. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' qorti nazzjonali skont id-Direttiva 93/13, din il-qorti hija mitluba li fuq inizjattiva tagħha stess tevalwa jekk klawżola kuntrattwali hijiex inġusta, u meta tagħmel hekk tkun qiegħda tikkumpensa għan-nuqqas ta' bilanċ bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur [30]. Dan l-obbligu tal-qorti nazzjonali huwa meqjus bħala neċessarju sabiex ikun żgurat li l-konsumatur igawdi protezzjoni effettiva, minħabba r-riskju mhux insinjifikattiv li huwa ma jkunx konxju mid-drittijiet tiegħu jew jiltaqa' ma diffikultajiet sabiex ifittex li jkunu infurzati [31].

24 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punti 41 u 42), u tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320, punti 27 u 35). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa dispożizzjoni obbligatorja li għandha titqies li hija dispożizzjoni tal-istess livell bħar-regoli nazzjonali li fl-ordinamenti legali nazzjonali għandhom il-livell ta' regoli ta' politika pubblika.

25 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerné Rábai (C-26/13, EU:C:2014:282, punt 78), u tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 86).

26 Għal diskussjoni ġenerali ara, pereżempju, it-Taqsima 5 tal-Avviż tal-Kummissjoni — Gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU 2019, C 323, p. 4) (iktar 'il quddiem l-"Avviż tal-Kummissjoni"). Kif indikat f'dan l-avviż, flimkien mal-ġurisprudenza li tistabbilixxi l-eżami *ex officio* mill-qorti nazzjonali ta' klawżoli inġusti taħt id-Direttiva 93/13, hemm ġurisprudenza kunsiderevoli dwar l-applikazzjoni tagħha fil-kuntest ta' diversi regoli proċedurali nazzjonali li tinvolvi evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tagħhom mal-prinċipji li tali regoli ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw kawżi nazzjonali simili (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jagħmluha prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jiġu eżerċitati d-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività), flimkien mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mid-dritt tal-Unjoni.

27 Ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000 (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punti 25 sa 29).

28 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, Abanca Corporación Bancaria u Bankia (C-70/17 u C-179/17, EU:C:2019:250, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Karel de Grote – Hogeschool Katholieke Hogeschool Antwerpen (C-147/16, EU:C:2018:320, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, anki jekk id-Direttiva 93/13 tirrikjedi li l-qorti nazzjonali tieħu azzjoni pożittiva favur il-konsumatur, dan ma jfissirx li l-qorti għandha tagħmel tajjeb kompletament għan-nuqqas totali ta' azzjoni min-naħa tal-konsumatur. Ara, pereżempju, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, ERSTE Bank Hungary (C-32/14, EU:C:2015:637, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-każ preżenti, jista' jkun hemm inkonsistenzi bejn il-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u ċerti osservazzjonijiet tal-partijiet u, b'mod partikolari, li l-Liġijiet DH1 u DH2 kienu r-raġuni li wasslet lill-qorti tar-rinviju sabiex tagħlaq il-proċeduri l-ġodda (ara l-punti 17 sa 20 ta' dawn il-konklużjonijiet) jidher li ma jaqbel xejn mal-osservazzjonijiet magħmula waqt is-seduta minn UniCredti Bank Hungary li G. Lintner naqset milli twieġeb għall-istedina tal-qorti tar-rinviju sabiex tindika liema klawżoli xtaqet tikkontesta minħabba inġustizzja. Billi dawn il-punti jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju, jien mhux ser inkompli nikkunsidrahom.

30 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48. Notevolment, f'dan il-kuntest, ir-rikonoxximent ċar tal-Qorti tal-Ġustizzja sa mis-sentenza Pannon [32] tal-obbligu, f'kuntrast mas-setgħa, tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali skont id-Direttiva 93/13 kien akkumpanjat mill-kundizzjoni li l-qorti nazzjonali jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji sabiex twettaq dan l-obbligu [33]. Jekk dawn l-elementi ma jkunux disponibbli għaliha, qorti nazzjonali ma tkunx f'pożizzjoni li teżamina jekk klawżola kuntrattwali hijiex inġusta skont din id-direttiva [34].

49. F'din il-kawża, abbażi tal-ġurisprudenza msemmija qabel u b'mod partikolari l-kundizzjoni li l-qorti nazzjonali għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa sabiex tagħmel evalwazzjoni *ex officio*, jiena tal-fehma li l-portata tad-dmir tal-qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* klawżoli inġusti skont id-Direttiva 93/13 testendi biss sal-klawżoli kuntrattwali li huma relatati mas-suġġett tat-tilwima u li jkollhom rabta mal-punti ta' ligi u ta' fatt fil-proċess.

50. Dan l-approċċ propost jista' jitqies li josserva l-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet, billi ma jmurx lil hinn mill-portata tat-tilwima kif deċiża mill-partijiet. Bħalma osserva kummentatur: "Anki jekk il-prinċipju ta' preżentazzjoni mill-partijiet [li jipprovdi li d-delimitazzjoni tal-portata tat-tilwima tappartjeni lill-partijiet] jiġi *mmitigat* sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' bilanċ f'termini ta' saħħa bejn il-partijiet, il-proċeduri li jinvolvu konsumaturi ma jistgħux isiru istruttorji. Ir-rekwiżit li tiġi osservata l-portata fattwali tat-tilwima huwa l-'limitu' li ma jistax jinqabeż mill-qorti" [35] [traduzzjoni libera].

51. Għall-kuntrarju, kif indikat fl-osservazzjonijiet kollha tal-partijiet f'din il-kawża, approċċ li jobbliga lill-qorti nazzjonali sabiex tagħmel *ex officio* eżami bla limitu tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali skont id-Direttiva 93/13 jidher li jmur kontra l-prinċipji fundamentali tad-dritt proċedurali ċivili tal-Istati Membri, inklużi l-prinċipji li s-suġġett ta' kawża jiġi delimitat mill-partijiet u li l-qorti ma tistax tiddeċiedi *ultra petita*.

52. Fl-istess ħin, dan l-approċċ propost jiżgura s-sistema ta' protezzjoni li fuqha hija bbażata d-Direttiva 93/13 u r-rwol attiv tal-qorti nazzjonali li tqajjem *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli li ma jkunux ġew ikkontestati mill-konsumatur li joħroġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 46 u 47 ta' dawn il-konklużjonijiet [36].

32 Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punti 32, 35); ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punti 28 sa 31).

33 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 46), u tat-30 ta' Mejju 2013, Jőrös (C-397/11, EU:C:2013:340, punt 28).

34 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punt 47), u d-digriet tat-28 Novembru 2018, PKO Bank Polski (C-632/17, EU:C:2018:963, punt 38).

35 Beka (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23 iktar 'il fuq), p. 77 u 192.

36 Ta' min jinnota li, fi stadju bikri, fir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (COM (2000) 248 final, 27 ta' April 2000, Taqsima 4, p. 19 sa 20), il-Kummissjoni indikat: "Huwa ovvju li qegħdin nirreferu għas-setgħa jew għall-obbligu tal-qrati li jevalwaw *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali *li jkunu rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni* u mhux għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

53. Dan l-approċċ propost jidher ukoll li jaqbel mal-ġurisprudenza u l-prassi ta' ċerti Stati Membri[37]. Pereżempju, fi Franza, il-qrati għandhom l-obbligu li jinjoraw klawżoli inġusti f'kawżi ta' konsumaturi fejn in-natura inġusta ssegwi mill-elementi tat-tilwima[38]. Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-Hoge Raad (il-Qorti Suprema) qieset fis-sentenza tagħha Heesakkers vs Voets[39] li jekk il-qorti jkollha l-informazzjoni fattwali u legali neċessarja sabiex tissuspetta li kuntratt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u jkun jinkludi klawżola li tkun inġusta fis-sens imfisser hawn fuq, il-qorti għandha teżamina l-kwistjoni, anki jekk it-talba jew id-difiża ma jkunux ibbażati fuq allegazzjonijiet indirizzati lejn tali eżami. Fi Spanja, is-sentenzi tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) jindikaw li l-ġudikant huwa obbligat li jivverifika *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali malli jkollu l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji[40]. Barra minn hekk, fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Gvern Ungeriż (ara l-punti 31 u 32 ta' dawn il-konklużjonijiet), jidher li, fl-Ungerija, l-eżami *ex officio* ta' qorti nazzjonali japplika għal klawżoli li n-natura inġusta tagħhom tista' tkun stabbilita abbażi tal-proċess.

*2. Miżuri investigattivi* ex officio

54. B'riferiment għall-osservazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż u tal-Kummissjoni (ara l-punti 31 u 36 ta' dawn il-konklużjonijiet), huwa neċessaru li jitqies jekk, f'ċirkustanzi fejn il-qorti nazzjonali jkollha indikazzjonijiet jew suspetti li klawżoli kuntrattwali li huma relatati mal-oġġett tat-tilwima u li għandhom rabta mal-punti ta' liġi u ta' fatt fil-proċess jistgħu jkunu inġusti. Id-Direttiva 93/13 tirrikjedi li l-qorti tkun tista' tieħu miżuri investigattivi *ex officio* sabiex tiverrifika dan.

55. Jiena tal-fehma li l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 jirrikjedu li qorti nazzjonali għandha tkun tista' tieħu miżuri investigattivi *ex officio* sabiex tikkompleta l-proċess, bħalma hija li titlob kjarifika jew evidenza dokumentarja mingħand il-partijiet, sabiex tikseb il-punti ta' ligi u ta' fatt neċessarji sabiex twettaq eżami dwar jekk klawżola kuntrattwali hijiex inġusta. Jiena nibbaża din il-fehma fuq ir-raġunijiet segwenti.

56. Fis-sentenza VB Pénzügyi Lízing[41], il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha talba għal deċiżjoni preliminari minn qorti Ungeriża dwar, *inter alia*, jekk f'sitwazzjoni fejn il-qorti nazzjonali tibda tivverifika jekk klawżola kuntrattwali li tikkonferixxi ġurisdizzjoni territorjali esklużiva tistax tkun inġusta, il-qorti għandhiex tagħti bidu, fuq inizjattiva tagħha stess, għal investigazzjoni bil-għan li tistabbilixxi l-punti ta' ligi u ta' fatt meħtieġa sabiex tevalwa jekk klawżola hijiex inġusta, fejn ir-regoli proċedurali nazzjonali jippermettu dan biss fil-każ li waħda mill-partijiet titlob dan.

57. Fis-sentenza tagħha[42], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali għandha tinvestiga fuq inizjattiva tagħha stess jekk klawżola li tikkonferixxi ġurisdizzjoni territorjali esklużiva f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, li huwa s-suġġett tat-tilwima quddiemha, taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, jekk dan ikun il-każ, għandha tevalwa fuq inizjattiva

37 Ara, pereżempju, Hartkamp *et* (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23 iktar 'il fuq), p. 433 sa 461 (fejn issir analiżi komparattiva tal-ġurisprudenza dwar klawżoli inġusti mill-Belġju, minn Franza, mill-Ungerija, mill-Italja, mill-Pajjiżi l-Baxxi, mill-Polonja, minn Spanja u mir-Renju Unit).

38 Ara l-Artikolu R 632-1 tal-Code de la consommation (il-Kodiċi dwar il-Konsumaturi) (it-traduzzjoni bl-Ingliż hija bbażata fuq Beka (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23 iktar 'il fuq), p. 195 u 328 sa 334). Din id-dispożizzjoni tipprovdi: "Le juge peut relever d'office toutes les dispositions du présent code dans les litiges nés de son application. Il écarte d'office, après avoir recueilli les observations des parties, l'application d'une clause dont le caractère abusif ressort des éléments du débat."

39 Ara s-sentenza tal-Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi) tat-13 ta' Settembru 2013, 274 ECLI:NL:HR:2013:691 (it-traduzzjoni bl-Ingliż hija bbażata fuq Hartkamp *et* (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 23 iktar 'il fuq) p. 436 sa 440, b'mod partikolari p. 438). Għal diskussjoni ulterjuri, ara, pereżempju, Alain Ancery u Bart Krans, "Consumer Protection and EU-Driven Judicial Activism in the Netherlands", f'Anna Nylund u Magne Strandberg (edituri), *Civil Procedure and Harmonisation of Law: The Dynamics of EU and International Treaties* (Intersentia 2019) 125, b'mod partikolari p. 136 sa 137.

40 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) tal-4 ta' Ġunju 2019, ECLI:ESTS:2019:1713, u tal-4 ta' Ġunju 2019, ECLI:ESTS:2019:1942.

41 Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010 (C-137/08, EU:C:2010:659, punti 24, 25 u 45).

42 Ara s-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:659, punti 49 sa 56). Qabbel mal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża VB Pénzügyi Lízing (C-137/08, EU:C:2010:401, punti 109 sa 115).

tagħha stess, jekk tali klawżola hijiex inġusta. Meta qasmet l-evalwazzjoni f'żewġ stadji, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fl-ewwel stadju, il-qorti għandha "fil-każijiet kollha u indipendentement mir-regoli tal-liġi nazzjonali tagħha", tiddetermina jekk il-klawżola kkontestata taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, u jekk dan ikun il-każ, fit-tieni stadju, il-qorti għandha tevalwa din il-klawżola, jekk ikun meħtieġ fuq inizjattiva tagħha stess, skont ir-rekwiżiti ta' natura inġusta skont din id-direttiva.

58. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat id-deċiżjoni tagħha fis-sentenza VB Pénzügyi Lízing f'kawżi sussegwenti, xi drabi b'rabta ma' klawżola li tikkonferixxi ġurisdizzjoni territorjali esklużiva[43], jew ifformulata f'termini iktar ġenerali fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha tinvestiga fuq inizjattiva tagħha stess jekk klawżola f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva u, jekk dan ikun il-każ, għandha tevalwa fuq inizjattiva tagħha stess jekk tali klawżola hijiex inġusta[44].

59. Minkejja dan, din il-linja ta' ġurisprudenza li ssegwi mis-sentenza VB Pénzügyi Lízing tidher li ħalliet ċerti domandi miftuħin, b'mod partikolari dwar jekk id-dmir tal-qorti nazzjonali li tieħu *ex officio* miżuri investigattivi huwiex limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13[45] jew inkella japplikax ukoll għall-evalwazzjoni ta' inġustizzja, kif ukoll dwar x'jistgħu jinvolvu tali miżuri investigattivi.

60. Minn perspettiva komparattiva, jidher li l-liġijiet proċedurali ċivili tal-Istati Membri ġeneralment jipprovdu lill-qrati bis-setgħa li jordnaw lill-partijiet sabiex jipprovdu evidenza addizzjonali u li jitolbu lill-partijiet għal kjarifiki, mentri l-Istati Membri jieħdu approċċi diverġenti meta fil-fatt jiġu għall-hekk imsejħa "miżuri istruttorji" – pereżempju, meta l-qrati jiġbru evidenza fuq inizjattiva tagħhom stess permezz ta' smigħ *ex officio* ta' xhieda, għoti ta' ordnijiet *ex officio* għal evidenza mingħand partijiet terzi, smigħ *ex officio* ta' esperti, jew żjajjar *ex officio* – li jmorru lil hinn milli sempliċement tagħmel mistoqsijiet jew li titlob lill-partijiet sabiex jippreżentaw dokumenti addizzjonali[46].

61. Abbażi ta' dan, jista' jitqies li miżuri investigattivi *ex officio* meħudin mill-qorti nazzjonali sabiex tikkompleta l-proċess, bħalma hija rikjesta għal kjarifiki jew evidenza dokumentarja mingħand il-partijiet fit-tilwima, bil-għan li tifforma opinjoni dwar jekk klawżola kuntrattwali hijiex inġusta, jikkostitwixxu mezzi xierqa sabiex tkun żgurata s-sistema ta' protezzjoni tal-konsumaturi skont id-Direttiva 93/13 sabiex il-qorti nazzjonali tkun tista' twettaq l-eżami *ex officio* tagħha ta' klawżoli inġusti b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

62. Il-fatt li fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-ħtieġa li jkun hemm evidenza biżżejjed sabiex wieħed joqgħod fuq id-Direttiva 93/13 jista' jitqies li qiegħed jagħti appoġġ lill-pożizzjoni li skontha l-qorti nazzjonali għandu jkollha għad-dispożizzjonijiet tagħha biżżejjed punti ta' liġi u ta' fatt sabiex twettaq l-eżami *ex officio*, jekk ikun hemm bżonn billi tieħu *ex officio* miżuri investigattivi għal dan il-għan.

43 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 44), u tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 47). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:74, b'mod partikolari l-punti 32 sa 46).

44 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punt 24); tad-9 ta' Lulju 2015, Bucura (C-348/14, mhux ippubblikata, EU:C:2015:447, punt 43); u tas-7 ta' Novembru 2019, Profi Credit Polska (C-419/18 u C-483/18, EU:C:2019:930, punt 66). Ara wkoll, pereżempju, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża CA Consumer Finance (C-449/13, EU:C:2014:2213, point 31); tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2015:746, punt 39); u tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Margarit Panicello(C-503/15, EU:C:2016:696, punt 142, nota ta' qiegħ il-paġna 70).

45 Ara f'dan ir-rigward, Verica Trstenjak, "Procedural Aspects of European Consumer Protection Law and the Case Law of the CJEU" (2013), *European Review of Private Law* 451, 468 sa 472.

46 Ara, pereżempju, Studju ta' Evalwazzjoni (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 21 iktar 'il fuq), punti 390 sa 395. Kif indikat ukoll fil-punti 396 sa 399 ta' dan l-istudju, il-kwistjoni tal-istatus ta' konsumatur għall-finijiet tal-portata tad-direttiva tal-Unjoni rilevanti tista' titqies li hija parti mill-kompitu tal-qorti li tikkwalifika l-fatti tal-kawża fid-dawl tar-regoli legali rilevanti, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' *iura novit curia*. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber (C-497/13, EU:C:2015:357, punti 39 sa 48).

63. Pereżempju, fil-kawża Profi Credit Polska[47], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża li fiha qorti nazzjonali qiegħda tisma' rikors rigward kuntratt ta' kreditu għall-konsum li dwaru għandha dubji serji rigward in-natura inġusta tal-provvedimenti miftiehma bejn il-partijiet u li ma għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji, l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 jistipulaw li din il-qorti għandha teżamina *ex officio* jekk il-provvedimenti miftiehma bejn il-partijiet humiex inġusti, u f'dan ir-rigward, jistipulaw li qorti għandha tkun tista' titlob li jkunu ppreżentati d-dokumenti li fuqhom huwa bbażat ir-rikors, sabiex hija tkun tista' tivverifika li d-drittijiet mogħtija lill-konsumaturi minn din id-direttiva jkunu mħarsa. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li talba bħal din ma tmurx kontra l-prinċipju li s-suġġett ta' rikors għandu jkun stabbilit mill-partijiet, minħabba li hija tagħmel parti mill-qafas evidenzjali tal-proċeduri.

64. B'kuntrast, ta' min jinnota li ma kien ippreżentat ebda argument lill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li jieħdu *ex officio* "miżuri istruttorji" iktar estensivi li għalihom irreferejna fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet ikun meħtieġ sabiex tkun żgurata s-sistema ta' protezzjoni tal-konsumaturi skont id-Direttiva 93/13 fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ preżenti. Din il-kwistjoni tibqa' bħala prinċipju fid-diskrezzjoni tal-qorti nazzjonali abbażi tad-dritt proċedurali nazzjonali, suġġett għall-konformità mad-dritt tal-Unjoni[48].

*3. Rappreżentanza legali*

65. Fl-aħħar nett, jiena tal-fehma li l-kwistjoni ta' rappreżentanza legali ma għandhiex impatt fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-portata tal-eżami *ex officio* mill-qorti nazzjonali ta' klawżoli inġusti skont id-Direttiva 93/13 fiċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti.

66. Jiena nirrikonoxxi li, minn perspettiva komparattiva, anki fl-Istati Membri li jaderixxu strettament mal-prinċipju li s-suġġett ta' kawża huwa stabbilit mill-partijiet, il-punt sa fejn il-qorti tintervjeni attivament u/jew tqajjem kwistjonijiet b'inizjattiva tagħha stess huwa bbażat fuq diversi ċirkustanzi, fosthom jekk il-parti hijiex irrappreżentata jew le, u li, f'ċerti Stati Membri, il-qorti tista' tkun mistennija li tkun iktar attiva meta l-parti l-iktar dgħajfa ma tkunx irrappreżentata minn avukat, bil-għan li titnaqqas l-inugwaljanza bejn il-partijiet[49].

67. B'dan premess, kif indika l-Gvern Ungeriż, is-sistema ta' protezzjoni mogħtija bid-Direttiva 93/13 u l-obbligu tal-qorti nazzjonali li twettaq *ex officio* eżami ta' klawżoli inġusti kif joħroġ mill-ġuriprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif stabbilit fil-punti 46 u 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' bilanċ li jeżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew il-fornitur fil-ħin li fih kien konkluż il-kuntratt, u mhux fil-ħin li fih sar użu mid-drittijiet li joħorġu mill-kuntratt.

47 Ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2019(C-419/18 u C-483/18, EU:C:2019:930, b'mod partikolari l-punti 64, 66 sa 68 u 77).

48 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Margarit Panicello (C-503/15, EU:C:2016:696, punti 142 sa 145), li tinnota li sitwazzjoni fejn qorti nazzjonali jkollha indikazzjonijiet li ċerti klawżoli kuntrattwali huma inġusti, imma ma tkunx tista' tinvestiga minħabba li s-setgħa tagħha li tagħmel eżami hija ristretta, tista' tkun problematika. Madankollu, f'dik il-kawża, l-Avukat Ġenerali qieset li r-regoli nazzjonali inkwistjoni kienu jippermettu li l-qorti tieħu inkunsiderazzjoni evidenza dokumentarja u kienu interpretati fis-sens li kienu jippermettu setgħat investigattivi iktar estensivi f'kawżi leġittimi u għalhekk ma kinux preklużi mid-Direttiva 93/13. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-opportunità li tiddeċiedi din il-kwistjoni minħabba li sabet li r-rinviju kien inammissibbli. Ara s-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Margarit Panicello (C-503/15, EU:C:2017:126).

49 Ara, f'dan ir-rigward, Studju ta' Evalwazzjoni (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 21 iktar 'il fuq), b'mod partikolari l-punti 317 sa 320 u 340 sa 342.

68. Konsegwentement, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Rampion u Godard[50], li kienet tinvolvi l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kreditu għall-konsum[51], il-fatt li kawża titressaq minn konsumatur u l-konsumatur ikun irrappreżentat matul il-proċeduri minn avukat ma jiġġustifikax konklużjoni differenti fir-rigward tal-bżonn li l-qorti titħalla taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess, minħabba li l-kwistjoni ta' eżami *ex officio* trid tkun deċiża indipendentement miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ. Dan ir-raġunament huwa applikabbli għall-evalwazzjoni tal-eżami ta' klawżoli inġusti magħmul *ex officio* mill-qorti nazzjonali skont id-Direttiva 93/13, speċjalment minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-kunsiderazzjonijiet mill-ġurisprudenza tagħha dwar id-Direttiva 93/13 għaċ-ċirkustanzi li nqalgħu f'dik il-kawża[52].

69. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li l-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13 jeħtieġu li qorti nazzjonali teżamina *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jkunu relatati mas-suġġett tat-tilwima u li jkollhom rabta mal-punti legali jew fattwali tal-proċess. Dawn id-dispożizzjonijiet jeħtieġu wkoll li l-qorti nazzjonali tkun tista' tieħu *ex officio* miżuri investigattivi li jikkompletaw il-proċess sabiex tkun tista' tikseb il-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa sabiex twettaq dan l-eżami.

### *B. It-tieni u t-tielet domanda*

70. Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda, meqjusa flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment titlob gwida dwar jekk, fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv, qorti nazzjonali hijiex meħtieġa, taħt l-Artikoli 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13, teżamina n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali l-oħra kollha meta teżamina n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari.

71. Jiena wasalt għall-konklużjoni li dawn id-domandi għandhom jingħataw risposta fis-sens li, skont l-Artikoli 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13, qorti nazzjonali ma hijiex meħtieġa teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali l-oħra kollha b'mod awtonomu meta tkun qiegħda twettaq evalwazzjoni globali tal-kuntratt bil-għan li teżamina n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari. Jiena wasalt għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet ġejjin.

72. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jiddikjara fil-parti rilevanti li "il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u *għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt* jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu"[53]. Din id-dispożizzjoni hija parti mill-qafas għall-evalwazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali stabbilit fid-Direttiva 93/13[54].

50 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, EU:C:2007:575, punt 65), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Rampion u Godard (C-429/05, EU:C:2007:199, punt 107). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber (C-497/13, EU:C:2015:357, punt 47), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Faber (C-497/13, EU:C:2014:2403, punt 72).

51 Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 għall-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-kreditu lill-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 326), kif emendata bid-Direttiva 98/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 36). Sadanittant, din id-direttiva tħassret bid-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifiki fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, fil-ĠU 2010, L 199, p. 40, u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46).

52 Ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007, Rampion u Godard (C-429/05, EU:C:2007:575, b'mod partikolari l-punti 60 sa 63 u 69).

53 Enfasi miżjuda.

54 Għal diskussjoni ġenerali, ara, pereżempju, l-Avviż tal-Kummissjoni (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 iktar 'il fuq), Taqsima 3.

73. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Banif Plus Bank[55], b'referenza għal din id-dispożizzjoni, sabiex il-qorti nazzjonali tiddetermina jekk klawżola kuntrattwali li fuqha hija bbażata t-talba mressqa quddiemha hijiex inġusta, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt, u mhux biss il-klawżoli li fuqhom hija bbażata t-talba.

74. Dan jimplika evalwazzjoni globali tal-klawżoli tal-kuntratt[56]. Ċertament, kif osserva l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe "għal dak li jikkonċerna l-evalwazzjoni tan-natura inġusta, klawżola kuntrattwali ma tistax tkun iżolata mill-kuntest tagħha. Din l-evalwazzjoni, għaldaqstant, ma hijiex assoluta, imma pjuttost relattiva, inkwantu hija tiddependi fuq il-fatti partikolari li jirrigwardaw il-konklużjoni tal-kuntratt, inkluż l-effett kumulattiv tal-klawżoli kollha tal-kuntratt"[57].

75. B'dan il-mod il-qorti nazzjonali hija meħtieġa skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 li tieħu inkunsiderazzjoni l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt meta teżamina n-natura inġusta ta' klawżola partikolari. Madankollu, dan ma jfissirx li l-qorti nazzjonali hija meħtieġa li *ex officio* teżamina għal inġustizzja dawk il-klawżoli l-oħra b'mod awtonomu bħala parti minn din l-evalwazzjoni b'konformità mal-Artikoli 6(1) u 7(1) ta' din id-direttiva.

76. Madankollu, kif indikat mill-Gvern Ungeriż u mill-Kummissjoni, fil-proċess li twettaq dik l-evalwazzjoni globali, il-qorti nazzjonali tista' tiltaqa' ma' klawżoli kuntrattwali li jistgħu jitqiesu bħala inġusti u li l-qorti teħtieġ teżamina *ex officio* meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet). Filwaqt li l-fatt li qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzjoni l-klawżoli l-oħra tal-kuntratt bil-għan li tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola partikolari ma għandux ikun meqjus daqslikieku kien eżami *ex officio*, dan jista' jinkoraġġixxi eżami bħal dan meta l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji jkunu disponibbli għal dan il-għan.

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li, taħt l-Artikoli 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13, qorti nazzjonali ma hijiex meħtieġa teżamina *ex officio* n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali l-oħra kollha b'mod awtonomu meta twettaq evalwazzjoni globali tal-kuntratt għall-finijiet tal-eżami tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari.

## VII. Konklużjoni

78. Jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) b'dan il-mod:

(1) L-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur jeħtieġu li l-qorti nazzjonali teżamina fuq l-inizjattiva tagħha stess in-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jkunu relatati mas-suġġett tat-tilwima u li jkollhom rabta mal-punti ta' liġi u ta' fatt li jinsabu fil-proċess.

(2) L-Artikoli 4(1), 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ma jeħtiġux li l-qorti nazzjonali teżamina fuq inizjattiva tagħha stess in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali l-oħra kollha b'mod awtonomu meta twettaq evalwazzjoni globali tal-kuntratt għall-finijiet tal-eżami tan-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari.

55 Ara s-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Banif Plus Bank (C-472/11, EU:C:2013:88, punti 37 sa 41). Ara wkoll, pereżempju, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2014, Constructora Principado (C-226/12, EU:C:2014:10, punt 24).

56 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 95).

57 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Biuro podróży Partner (C-119/15, EU:C:2016:387, punt 44).